MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Avviz Numru. 283/2002/1

**Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Dennis Meilak u l-istess Dennis Meilak**

**vs**

**Simon Debono**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-29 t'April tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' tlett elef, disa' mija, tnejn u tletin Lira Maltin, tnejn u hamsin centezmu, (LM3932.52,0), in kwantu ghall-**

**tlett elef, tminn mija tnejn u tletin Lira Maltin, tnejn u hamsin centezmu, (LM3832.52,0), lis-socjeta' attrici Atlas Insurance Agency Limited nomine u in kwantu ghall-mitt Lira Maltin (LM100.00,0) lill-attur Dennis Meilak, in linea ta' danni kkagunati mill-konvenut u sborsati mill-atturi bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara Attard fis-26 ta' Mejju, 2000, meta waqt li l-konvenut qed isuq vettura Nru. GAN 536 habat mal-vettura NRU. KBB 264 propjeta' tal-attur Dennis Meilak u misjuqa minnu li mbaghad spiccat habtet go vetturi pparkjati – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

**2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' Dicembru, 2000, dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Marzu, 2001, u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta' dan l-avviz, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-3 t'Ottubru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa m'huwiex responsabbli ghall-incident de quo, izda kienet semmai in-negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku tal-attur Dennis Meilaq kagun tal-istess;**

**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;**

**Rat ir-rikors tas-socjeta' Melita Insurance Agency Limited datat il-25 ta' Gunju tas-sena 2002 li permezz**

**tieghu talbet id-debita awtorizzazzjoni li tintervjeni fil-kawza in statu et terminis;**

**Rat id-digriet taghha datat is-27 ta' Gunju tas-sena 2002 li permezz tieghu laqghet it-talba;**

**Innotat illi r-rikors fuq indikat ma giex aktar segwit mis-socjeta' rikorrenti;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti inkluz ir-ritratti mmarkati Dok. JMZ1 – Dok JMZ14;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fis-26 ta' Mejju tas-sena 2000 ghall-habta tal-4.00p.m. (ghalkemm il-konvenut jindika li dan sehh fis-2.00p.m.), go Triq Dun Mikiel Scerri kantuniera ma' Triq Dun Gwann Theuma, H'Attard;**

**2. Illi l-vetturi involuti fl-incident de quo kienu dik tal-marka Daewoo Racer bin-numru ta' registrazzjoni GAN-536 misjuq mill-konvenut u l-ohra tal-marka Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni KBB-264 misjuqa mill-attur Meilak;**

**3. Illi skond l-ufficcjal tal-pulizija li marret tikkonduci l-investigazzjonijiet li gew rezi necessarji jirrizulta li l-konvenut maghha sostna li kien qed jipprocedi fi Triq Dun Gwann Theuma u kien ser jaqsam Triq Dun Mikiel Scerri fuq imsemmija, wara li waqaf u ra li ma kienux gejjin vetturi, hekk kif kien qed jaqsam l-imsemmija triq giet il-vettura ta' l-attur b'velocita' qawwija hafna u l-impatt kien inevitabbli;**

**4. Illi l-attur, minn naha tieghu a tempo vergine sostna ma' l-istess ufficjal li waqt li kien qed jipprocedi fi Triq Dun Mikiel Scerri u wasal biex jaqsam Triq Dun Gwann Theuma hargitlu l-vettura misjuqa mill-konvenut, sar l-impatt bejniethom u per konsegwenza l-attur skiddja, baqa' diehel fuq tlett (3) vetturi ohra, u wahda minnhom waqqghet hajt tas-sejjieh;**

**5. Illi pero' fid-deposizzjoni guramentata tieghu l-attur isostni li ma kienx qed isuq b'velocita' ta' aktar minn hamsa u ghoxrin (25) mil fis-siegha, (ara fol 44);**

**6. Illi l-attur isostni li fil-gurnata ta' l-incident kienet ix-xita u li gie milqut fil-bieba ta' wara u fuq ir-rota ta' wara tax-xellug;**

**7. Illi l-istess attur isostni li l-iskizzipprezentat fl-atti ta' din il-procedura mhux wiehed korrett;**

**8. Illi l-attur Meilak jirrizulta li hu assigurat mas-socjeta' attrici nomine u kellu jaghmel tajjeb ghall-ammont minnhu reklamat fl-avviz odjern;**

**9. Illi stante li s-socjeta' attrici nomine ghamlet tajjeb ghad-danni kollha sofferti mill-attur u stante li hija regolarment surrogata fid-drittijiet tal-attur Meilak, hi parti mill-kawza;**

**10. Illi bil-gurament tieghu l-konvenut rega' kkonferma l- versjoni tieghu li kien originarjament irrilaxxa lill-ufficcjal investigattiv senjatament:**

**a. Illi meta wasal fl-inkrocju in dizamina waqaf;**

**b. Illi ghalhekk hares lejn ix-xellug u l-lemin;**

**c. Illi ra l-vettura misjuqa mill-attur Meilak madwar tlieta u disghin metru 'l boghod minnu gejja fid-direzzjoni tieghu b'certa velocita';**

**d. Illi ra lil din il-vettura gejja b'velocita' enormi u l-impatt kien inevitabbli;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi minn analizi taz-zewg versjonijiet jirrizulta li hemm diversi diskrepanzi bejniethom fosthom:**

**1. Il-velocita' li biha kien qed isuq l-attur Meilaq;**

**2. Il-fatt jekk l-attur Meilak waqafx jew le qabel ma beda jaqsam l-inkrocju in dizamina;**

**3. Id-dinamika ta' l-istess incident;**

**4. Il-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut fi Triq Dun Gwann Theuma;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi din il-qorti, minn ezami attent tad-dinamika ta' l-incident, tista' tikkonkludi ghal anqas is-segwenti:**

**1. Illi d-danni kkagunati bl-impatt in dizamina jimmilita favur il-konkluzzjoni li l-attur Meilak kien qed isuq b'velocita' eccessiva kif isostni l-istess konvenut;**

**2. Illi kagun ta' sporgenza li hemm fi Triq Dun Gwann Theuma, il-posizzjoni tal-konvenut kienet lil hemm minn dak konsentit mir-regolamenti tat-triq biex tippermettilu jeccedi ghan-naha l-ohra ta' l-imsemmija triq, izda tpoggieh f'posizzjoni vulnerabbli fil-ligi;**

**Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li hadd mill-partijiet ma pprova l-kaz tieghu skond il-ligi u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lill-attur Dennis Meilak u lill-konvenut Simon Debono ugwalment responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina stante li tal-ewwel kien qed isuq b'velocita' eccessiva u ta' l-ahhar kien f'parti tat-triq li fic-cirkostanzi li jirrizultaw ma kellux ikun fiha;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont kif minnhom indikat fl-avviz li ta bidu ghal din il-procedura;**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Simon Debono ihallas lill-atturi l-ammont ta' elf disa' mija u sitta u sittin Lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu, (LM1966.26,0), kwantu ghal elf disa' mija u sittax-il Lira Maltin, u sitta u ghoxrin centezmu, (LM1916.26,0), lis-socjeta' attrici nomine u kwantu ghall-hamsin Lira Maltin, (LM50.00,0) lill-attur Meilak, b'nofs l-ispejjez ta' din il-procedura u bl-imghaxijiet legali hekk rizultanti skond il-ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------